# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 373/11/1 FDP**

**B. Grima and Sons Limited (C-34602)**

**v.**

**Jeremy Jonas Debono u Nydian Debono *neè* Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-kumpanija attriċi 'B. Grima & Sons Ltd', minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2021, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ikkundannat lill-imħarrkin sabiex iħallsu lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €75,038.35, bl-ispejjeż tal-kawża

u tal-ittra uffiċjali bin-numru 4802/2010, flimkien mal-imgħax li għandu jibda jgħaddi mid-data ta' dik is-sentenza, sad-data ta' meta jitwettaq il-ħlas;

2. Kemm il-kumpanija attriċi kif ukoll l-imħarrkin ma qablux mas-sentenza appellata, u t-tnejn li huma ressqu appell kull wieħed fil-15 ta' Frar, 2021;

3. Bi tweġiba mressqa fil-15 ta' Marzu, 2021[1] u fil-25 ta' Marzu, 2021,[2] il-kumpanija attriċi u l-imħarrkin, rispettivament, fissru għalfejn l-appell tal-kontroparti għandu jiġi miċħud, u dan bl-ispejjeż;

4. Xi żmien wara, u sewwasew b'nota mressqa fl-20 ta' Lulju, 2022, l-imħarrkin, filwaqt li ċedew l-appell tagħhom, għamluha ċara li kienu qed iżommu sħiħ ma' dak sottomess minnhom fit-tweġiba li ressqu għall-appell tal-kumpanija attriċi[3];

5. L-appell tal-kumpanija attriċi tqiegħed għas-smigħ għas-17 ta' Jannar 2023, u peress li f'dik is-seduta l-avukati tal-partijiet għarrfu lill-

---

[1] F'paġni 476 sa 482 tal-proċess.
[2] F'paġni 484 sa 486 tal-proċess.
[3] Ara n-nota ta' ċessjoni f'paġni 488 sa 490 tal-proċess.

Qorti li kienu ser joqogħdu fuq dak li hemm fl-atti, l-appell tħalla għas-sentenza;

6. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu u rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

7. B'dan l-appell, li huwa biss dwar id-data minn meta għandhom jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet fuq is-*sorte* kanonizzat favur tagħha, il-kumpanija attriċi 'B. Grima & Sons Ltd.' (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza mogħtija ... billi tvarja u tbiddel id-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet, għall-20 ta' Diċembru 2010 (id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 4802/2010) minflok mid-data tas-sentenza, liema imgħaxijiet għandhom jiddekorru sad-data tal-ħlas effettiv fuq is-somma ta' €75,038.35, u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021 (safejn mhijiex inkonsistenti ma' tali bidla fid-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet), u b'hekk tikkundanna lill-appellati Debono jħallsu lill-appellanti s-somma ta' €75,038.35 bl-imgħaxijiet mill-20 ta' Diċembru 2010 sad-data tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi, kollox kontra l-appellati Debono*";

8. F'dan il-qafas, l-appellanti tibda billi tfisser li l-ammont li l-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellati") ġew ikkundannati li jħallsuha jirrappreżenta l-bilanċ ta' kont għal xogħlijiet li hija wettqet fir-residenza tagħhom, liema xogħlijiet kienu jikkonsistu fil-bini ta' pixxina u l-ambjent ta' madwarha ("*pool area*"). Tistqarr li minkejja li hija lestiet dan ix-xogħol fis-sena 2007, madanakollu hija għażlet li "tipproċedi għal ħlas" kontra l-appellati lejn l-aħħar tas-sena 2010, u sewwasew, l-ewwel b'ittra legali[4] u imbagħad b'ittra uffiċjali li ġġib in-numru ta' referenza 4802/2010[5]. F'dan il-qafas tfakkar li fir-rikors maħluf hija talbet il-ħlas tal-imgħaxijiet legali fuq l-ammont mitlub minnha "*b'effett mill-20 ta' Diċembru 2010 (id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 4802/2010) sal-ħlas effettiv*", u filwaqt li tissottometti li ma kien hemm l-ebda raġuni fil-liġi għalfejn l-imgħaxijiet ma kellhomx jingħataw mid-data mitluba minnha, tilmenta li mingħajr ma fissret għalfejn, l-Ewwel Qorti qabdet u fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ordnat li l-imgħax għandu "*jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv*";

9. Wara li tirreferi għall-Artikoli 1139 sa 1141 tal-Kodiċi Ċivili, l-appellanti targumenta li peress li t-talba tagħha ma kinitx għal-

[4] Ara 'Dok. BGS 4', f'paġna 15 tal-proċess.
[5] Ara 'Dok. BGS 5', f'paġna 16 tal-proċess.

likwidazzjoni ta' xi ammont, iżda għall-ħlas ta' somma pre-determinata u speċifikata, l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-appellati sabiex iħallsuha l-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali, u mhux mid-data tas-sentenza. Filwaqt li tirreferi wkoll għal xi ġurisprudenza biex issaħħaħ l-argumenti tagħha, tissottometti li l-appellati ma żammewx lura milli jtawlu u jġebbdu l-proċeduri ta' quddiem l-ewwel Qorti, u f'dan is-sens tgħid li l-appellati m'għandhomx jiġu ppremjati għall-isforzi tagħhom sabiex jipposponu b'kemm setgħu l-ħlas li kellhom jagħtuha;

10. Min-naħa l-oħra, l-appellati jilqgħu għal dan kollu billi jissottomettu li, bħala prinċipju ġenerali, l-imgħax għandu jibda jgħaddi minn meta l-ammont dovut ikun likwidat, u dan dejjem skont il-massima li "*in illiquidis non fit mora*". Ifakkru li, f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-ammont mitlub mill-appellanti ma kienx dovut kollu, u jargumentaw li, f'każijiet bħal dawn, l-imgħax m'għandux jibda jgħaddi mid-data tas-sejħa għall-ħlas, kif qed tippretendi l-appellanti, iżda mid-data ta' minn meta l-ammont jiġi determinat ġudizzjarjament. Wara li jsostnu l-argumenti tagħhom b'xi siltiet mill-ġurisprudenza, jissottomettu li bil-fatt innifsu li fir-rikors maħluf l-appellanti ppretendiet somma fissa, ma jfissirx li dak l-ammont kien wieħed 'determinat'. F'dan il-kuntest, ifissru li ċ-ċertezza għandha tirriżulta minn dak li huwa oġġettivament dovut lill-appellanti, u jtennu li f'dan il-każ, wara li l-Ewwel Qorti ħadet qies kemm tal-eċċezzjonijiet

tagħhom, kif ukoll tal-kontrotalba mressqa minnhom, dik il-Qorti waslet sabiex ikkundannathom iħallsu lill-appellanti somma f'ammont li huwa anqas minn dak oriġinarjament mitlub. Jgħidu li ntqal kemm-il darba li l-ebda imgħax m'għandu jkun dovut fejn il-Qorti tagħti ammont anqas minn dak pretiż mill-attur u dan għaliex f'każijiet bħal dawn, l-ammont li jkun effettivament dovut mill-imħarrek ikun jista' jiġi determinat biss wara li ssir investigazzjoni ġudizzjarja. Jagħlqu billi jiċħdu li huma tawlu l-proċeduri bla bżonn u jgħidu li fuq kollox, id-difiża tagħhom ma kinitx xi waħda kapriċċuża, tant li l-Ewwel Qorti ma tatx lill-appellanti l-ammont kollu mitlub minnha;

11. Il-Qorti wara li ħadet qies tal-argumenti tal-partijiet u dan kemm fid-dawl tal-atti proċesswali kif ukoll fil-qafas tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, jidhrilha li l-Ewwel Qorti tassew żbaljat meta ordnat li l-imgħax għandu jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza u mhux bil-mod ta' kif mitlub mill-appellanti;

12. Filwaqt li kien ikun aħjar li kieku l-Ewwel Qorti semmiet xi raġuni għalfejn ma kinitx qiegħda tilqa' t-talba tal-appellanti dwar minn meta għandu jibda jgħaddi l-imgħax, il-Qorti tqis li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, ma jista' jkun hemm l-ebda raġuni tajba għalfejn dik il-Qorti ordnat li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza

tagħha, minflok ma jibdew jgħaddu mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali li tressqet qabel ma nfetħet il-kawża u li l-appellati kienu laqgħu n-notifika tagħha;

13. B'kuntrast ma' dak li qed jgħidu l-appellati, il-fatt innifsu li l-Qorti tkun tat lill-attur somma iżgħar minn dik oriġinarjament mitluba minnu, ma jiġġustifikax it-tħaddim tal-prinċipju '*in illiquidis non fit mora*'[6]. Bil-maqlub, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li, bħala regola ġenerali, meta l-attur jitlob somma determinata u din titnaqqas mill-Qorti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jinħeles mill-ħlas tal-imgħax[7], u dan sewwasew għaliex l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor[8]. Tabilħaqq, huwa biss f'dawk il-każijiet li fihom ikun wisq diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut minnu[9], jew inkella meta l-ammont mitlub mill-kreditur jitnaqqas b'mod qawwi[10], li ntqal li d-debitur m'għandux jagħmel tajjeb għall-interessi sakemm ssir investigazzjoni ġudizzjarja dwar kemm tassew għandu jagħti;

---

[6] Ara ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Falcotrans Limited et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fis-**7 ta' Marzu, 2022**. (Rik. 945/2005/1JPG).
[7] Ara ***H&C Developments Ltd v. Grazio u Michelina konjuġi Portelli,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Jannar, 2013** (App. Ċiv. 218/1999/2), u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri***, deċiża minn din il-Qorti fl-**1 ta' Diċembru, 2014** (App. Ċiv. 530/1992/1) §30.
[8] Ara ***Simon Debono et. v. Viaggo Facile s.r.l. et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**22 ta' Ġunju, 2022** (App. Ċiv. 656/2010/1) §14.
[9] Ara ***Mariella Vidal v. Micaela Cassar***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**18 ta' Frar, 2020** (Rik. 774/2014GM) (mhux appellata), kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.
[10] Ara ***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar, 2022** (App. Ċiv. 1034/2013/1) §25 sa 27.

14. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għaċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellati li f'dan il-każ kien hemm xi lok fejn kellu jitħaddem il-prinċipju li '*in illiquidis non fit mora*'. L-ewwel nett, filwaqt li ma jistax jingħad li hemm xi diskrepanza kbira bejn l-ammont oriġinarjament mitlub mill-appellata (€75,688.35) u dak li l-appellati ġew eventwalment ordnati biex iħallsu (€75,038.35), f'kull każ, minn qari tas-sentenza appellata jidher ċar li r-raġuni wara tali diskrepanza mill-iċken, ma rriżultatx għaliex l-ammont mitlub mill-appellanti ma kienx dovut kollu, iżda sewwasew għaliex minn dak l-ammont, l-Ewwel Qorti naqqset is-somma ta' €650.00, bħala 'tpaċija' mad-danni li l-istess Qorti llikwidat favur l-appellati dwar il-pretensjonijiet rikonvenzjonali tagħhom[11]. L-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali huwa l-istess li ntalab f'din il-kawża[12] u li ntlaqa' kollu kemm hu. Għalhekk ma jistax jingħad li s-somma mitluba f'dak l-att ġudizzjarju ma kinitx oġġettivament dovuta;

15. Hekk ukoll, ma jistax jingħad li, f'dan il-każ, kien diffiċli għall-appellati li jkunu jafu eżattament x'kien dovut mingħandhom. L-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali u, eventwalment, f'din il-kawża ma tfajjarx bl-addoċċ

---

[11] Ara §62 tas-sentenza appellata.
[12] Ara 'Dok. BGS5' li huwa kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru 4802/2010, f'paġna 16 tal-proċess

u jaqbel eżatt mal-ammont li tniżżel f'kont datat 2 ta' Marzu, 2007, u li fih l-appellanti tat lill-appellati tifsira ċara u dettaljata dwar kif waslet għal dik is-somma[13]. Huwa wkoll relevanti li l-appellanti baqgħet konsistenti fl-ammont mitlub minnha u, fil-fatt, l-ammont li jidher fuq il-kont tat-2 ta' Marzu, 2007, jaqbel eżatt ma' dak li tniżżel fuq il-fattura datata 1 ta' April 2009,[14] kif ukoll dak li ntalab f'ittra legali datata 10 ta' Novembru 2010,[15] u indirizzata lill-appellati. Kif tixhed id-data ta' fuq dawn id-dokumenti, tali dokumenti nħarġu qabel id-data li fiha ntbagħtet l-ittra uffiċjali bin-numru 4802/2010, u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li fid-data li fiha l-appellati Debono laqgħu n-notifika tal-ittra uffiċjali, l-ammont kien għadu mhux dovut, jew inkella li huma ma kinux tqiegħdu *in mora* minħabba n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu min-naħa tagħhom;

16. M'hemmx dubju li ittra uffiċjali tikkwalifika bħala att ġudizzjarju għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi[16] u, għalhekk, irrispettivament minn jekk l-obbligazzjoni li minnha nħoloq il-jedd għall-ħlas kinitx ta' sura ċivili jew inkella kummerċjali, l-imgħaxijiet kellhom minn tal-inqas jibdew jgħaddu mid-data tan-notifika tagħha[17];

---

[13] Ara 'Dok. BGS2', f'paġni 9 sa 12 tal-proċess.
[14] Ara 'Dok. BGS6', f'paġna 19 tal-proċess.
[15] Ara 'Dok. BGS4', f'paġna 15 tal-proċess.
[16] Ara l-Artikolu 889(2) tal-Kap. 12
[17] Ara l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 u s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Mario Mallia et. noe. v. Francis Bezzina Wettinger***, deċiża minn din il-Qorti fil-**10 ta' Ottubru, 2003** (App. Ċiv. 866/1991/1).

17. Tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm xi bażi fattwali jew inkella legali għalfejn l-imgħax fuq is-*sorte* ma kellux jibda jgħaddi mid-data mitluba mill-appellanti, u minħabba f'hekk il-Qorti ser tkun qed tgħaddi biex tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata;

***Decide:***

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis l-appell** imressaq mill-intimati miżżewġin Debono, ladarba ċedewh;

**Tilqa' l-appell** imressaq mill-kumpanija attriċi billi jirriżulta mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u, għalhekk, qiegħda **<u>tirriforma</u>** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi tħassarha f'dik il-parti li fiha ddeċidiet li l-"*imgħaxx jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv*" u, minflok, tordna li l-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta' €75,038.35 kanonizzata mill-Ewwel Qorti favur il-kumpanija attriċi appellanti għandu jibda miexi mill-20 ta' Diċembru, 2010, data tan-

notifika tal-ittra uffiċjali; u għall-bqija, tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza; u

**Tordna li l-ispejjeż** kollha ta' din il-proċedura għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti Debono flimkien u solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da